MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 230/2012

**Appell Numru: 230/2012**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Edel Mary Camilleri]**
**Vs**
**Joseph Vella**

Illum, 28 ta' Novembru, 2013

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Joseph Vella, detentur tal-karta tal-identita bin-numru: 183654M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

1. talli fis-7 ta' Novembru, 2003 u fiż-żminijiet ta' qabel u ta' wara f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, xtara jew b'xi mod ieħor irċieva mingħand persuna oħra, jew instgħab li kellu

fil-pussess tiegħu xi oġġetti li għandhom xi marka jew sinjal li juri li dak l-oġġett huwa proprjeta’ tar-Repubblika ta’ Malta, li l-awtorita’ kompetenti ma tkunx tat permess bil-miktub sabiex wieħed jista’ jiddisponi minnhom, u jonqos li jagħti kont sodisfaċenti ta’ kif l-oġġetti jew il-ħaġa tkun għandu;

2. talli taħt l-istess ċirkostanzi bil-ħsieb li jaħbi proprjeta’ tar-Republika ta’ Malta, iddistruġġa jew ħassar mill-oġġetti jew ħwejjeġ, li għalihom ma jkunx ġie mogħti permess sabiex wieħed jista’ jiddisponi minnhom, xi marka jew sinjal li juru li dawk l-oġġetti jew ħwejjeġ huhma proprjeta’ tar-Repubblika ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ April, 2012 fejn il-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 290 u 291 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum. Minbarra dan tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ elf euro (€1,000). Tordna l-konfiska tal-mediċini eżebiti.
Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Vella minnu pprezentat fl-10 ta’ Mejju, 2012 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet li l-appellant hati taz-zewg akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, u minflok, tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant w cioe':-

L-appellant umilment jirrileva illi, bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt ssibu hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu a bazi tal-provi prodotti quddiema, u konsegwentement, jilmenta illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi u dan

peress illi ma giex pruvat illi l-appellant kien jaf illi dawk il-medicini kienu propjeta tal-Gvern.

Fl-ewwel lok, l-appellant sa mill-bidu nett ta' l-investigazzjonijiet cahad illi huwa kien jaf illi kien hemm xi medicini illi setghu kienu propjeta tal-Gvern. Kemm mill-provi mill-prosekuzzjoni, u kemm mix-xhieda ta' l-istess appellant (Fol 122) irrizulta car illi kien hemm diversi persuni illi jahdmu mal-appellant u li kienu responsabbli kemm mill-pricing u kemm minn l-istacking ta' l-istess medicinali. Filfatt l-appellant fid-depozizzjoni tieghu quddiem l-Ewwel Qorti spjega illi ghalkehmm kien hu illi jaghmel l-ordni tal-medicini skond dak li jinfurmawh is-sales girls fuq il-ktieb, la darba il-kunsinna tasal ghandhom il-hanut, huwa ma jkunx responsabbli la sabiex jipprezza l-medicina u lanqas sabiex jpoggieha fuq l-ixkaffa: (Fol 123/124):

Difiza: Pero, meta mbghad jigi bil-medicina l-agenti, in ma tmessiex din il-medicina.

Xhud (appellant): le, le, le, le, le, le, le... l-ewwel darba li sirt naf bihom meta giet ghal-inspection, Dr. Charmaine Gauci, u kif xehdet hi stess, urejtha li <u>jiena kont sorpriz li dawn it-tipi ta' medicina kienu fi-ispizerija tieghi.</u>

L-appellant, fid-depozizzjoni tieghu quddiem l-Ewwel Qorti, spjega illi dawk il medicini li gew elevati, koliha kellu l-invoices taghhom, li jkopru l-perjodu tas-sena elfejn u theta (2003.) Huwa spjega illi dawn il-medicini kien kollha xtrahom legalment hu, fuq ordni tieghu minghand 1-importaturi appoziti, u fil-fatt l-invoices tal-istess inghataw lid-Dipartiment u ssusegwentement lill-Puzlija (U jinsabu esebiti fil-rocess a Fol 33-43). Minn dawn l-invoices jirrizulta car illi l-appellant kien veru akkwista kemm il-medicina tad-ditta Lescol kif ukoll, dik tad-ditta Istin, li gew elevate minghand Borg Barthet Limited u V.J Salamone Limited.

L-appellant ghamilielha car illi huwa ma kienx jaf b'dawn il-medicini fi-ispizerija tieghu, ghax kif gie spjegat aktar 'il fuq, huwa dejjem xtara l-medicini skond il-ligi, pero spjega

wkoll illi hu mhux dejjem kien ikun gewwa l-Ispizeriji, u dan stante illi barra l'fatt illi huwa jigestixxi dawn iz-zewg spizeriji, huwa ghandu wkoll kumpanija ta' importazzjoni ta' medicina. Peress illi ma seta jipponta subajgh lejn hadd, wara dan l-incident, huwa installa kameras sabiex isir monitoring, kemm fi-ispizerija tieghu, kif ukoll fil-klinici tieghu, fejn ipoggu aktar minn hmistax-il konsulent.
Dan ifisser, illi legalment l-appellant qatt ma seta jinstab hati, ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu, meta huwa ma kienx jaf bil-prezenza ta' dawn l-oggetti, allegatament propjeta tal-Gvern, liema huwa akkwista skond il-ligi, bl-invoices kollha relattivi.

Filfatt, mix-xhieda rrizulta illi dawn il-medicinali allegatament propjeta tal-Gvern, kellhom fuqhom sticky label, bi sticky label ohra bil-prezz. Ghalhekk kien difficli ghal l-appellant, ma kienx ikun il-hinkollu gewwa l-Ispizeriji, sabiex jinduna b'dawn il-medicinali.

Ghalhekk, fid-dawl tas-suespost certament jirrizulta illi l-appellant ma kienx jaf illi dawn il-medicini kienu propjeta tal-Gvern, u ghalhekk huwa qatt ma seta jiggustifika l-provenzjenza taghhom. Inoltre, bir-rispett kollu jigi sottomess illi l-fatt illi l-pricing ma kienx isir dejjem minn l-imputat, jikkorrabora l-fatt illi l-appellant veru seta ma kienx jaf b'dawn il-medicinali fl-ispizerija tieghu. Kieku mill-pricing kien responsabbli biss hu, allura ix-xenarju kien ikun wiehed differenti illi ma jhalli ebda lok ghal dubju. Inoltre, l-fatt li ghamlet accenn ghalih l-ewwel Qorti u cioe illi l-prezz kien qed jaghtti l-bicca nieqsa, fejn allegatament kien hemm id-DH markings, ma tfisser xejn, u ma torbotx dan ma' l-imputat.

Fit-tieni lok, ghalkhemm iz-zewg impurtaturi spjegaw illi veru illi din il-medicina setghet kienet parti minn kunsinna ta' medicini mibjugha lil Gvern u dan skond il batch numbers, t-tnejn ossia V.J Salamone Limited u Borg Barthet Limited xehdu illi seta kien hemm parallel importation ta' medicini bl-istess batch number. Filfatt fid-depozizzjoni tieghu, Simon Zammit ghan-nom ta'Borg Barthet Limited, spjega illi xi impurtatur iehor seta gab l-

Istin b'l-istess lot number u bieghu fis-suq lokali, oltre dawk illi nbieghu lil Gvern (Fol 98).

Mill-provi prodotti, ma rrizultax ghalhekk illi hemm xi ness bejn il-medicinali allegatament propjeta tal-Gvern u l-appellant, u ghalhekk l-appellant qatt ma seta jigi misjub hati tar-reat addebitat lilu skond l-ewwel akkuza.

L-istess jinghad fil-konfronti tat-tieni akkuza addebitata lir-rikorrenti appellant. Minn imkien, mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma rrizulta dak kontemplat fi-Artikolu 291, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi l-appellant huwa propjetarju ta' zewg spizeriji, wahda bl-isem ta' "Beta Pharmacy" f'Hal Ghaxaq u l-"Il-Gudja Pharmacy" l-Gudja. Fis-7 ta' Novembru, 2003 marru zewg Spetturi tad-Dipartiment tas-Sahha l-"Beta Pharmacy", Hal Ghaxaq sabiex jaghmlu spezzjoni, dana wara li d-Dipartiment kien ircieva nformazzjoni li fl-ispizarija kien qed jinbieghu prodotti li kienu tal-Gvern ta' Malta. Meta saret l-ispezzjoni kien hemm prezenti l-appellant. L-Ispetturi elevaw sitt pakketti "Istin" tad-ditta "Pfizer" u hames pakketti "Lescol" tad-ditta "Novartis". Meta saru l-verifiki fuq dawn il-medicini rrizulta li l-"batch number" tas-sitt pakketti "Istin" kien identiku ghal konsenja mixtrija mill-Gvern. Ghal dak li jirrigwardja l-"Lescol" tliet pakketti minn hamsa kellhom "batch number" ta' konsenja differenti minn dawk mixtrija mill-Gvern ta' Malta. Id-Dipartiment tas-Sahha ghamel rapport bil-miktub lill-pulizija li minn nahha taghha ghamlet tfitxijiet ohra fiz-zewg spizeriji propjeta ta' l-appellant. Mill-"Gudja Pharmacy" gie elevat pakkett "Lescol" iehor, ghad li kien hemm xi haga nieqsa minn dan il-pakkett, irrizulta li ma jiffurmax parti ta' xi konsenja tal-Gvern u ghalhekk ma kellux x'jaqsam ma dan il-kaz. Pero' rrizulta li s-sitt pakketti ta' l-"Istin" u tlieta tal-Lescol li kellhom numru ta' konsenja bhal dak mixtrija mill-Gvern ta' Malta kellhom parti zghira nieqsa, din il-parti kienet mghottija bil-prezz tal-prodott u tahtha kien hemm is-sigla MH miktuba fuq il-

kaxxa ta' barra. Il-bicca nieqsa hija propju fejn kien hemm din is-sigla li tiddistingwi medicini mixtrija mill-Gvern minn dawk li jkunu disponibli ghall-publiku generali.

L-appellant ghalkemm ikkollabora mal-pulizija ma ta ebda kont sodisfacenti ta' kif dawn il-prodotti gew ghandu. Spjega illi l-“pricing” tal-prodotti jsir minnu jew mill-impjegati tieghu u l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-prezz jghatti dik il-bicca nieqsa hu sintomatiku mal-fatt li t-tikketta tal-prezz ghandha funzjoni doppja. L-ewwel funzjoni hi li t-tikketta tindika l-prezz u t-tieni funzjoni hi li tghatti t-ticrita fil-kaxxa fejn kien hemm is-sigli MH li tindika propjeta tal-Gvern. B'Sentenza moghtija fis-27 ta' April, 2012 il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu izda lliberatu taht il-providimenti ta' l-Artiklu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fiz-zmien sitt xhur minn dakinhar tas-Sentenza u kkundannatu ghal €1,000 multa u ordnat il-konfiska tal-medicini esebiti.

L-appellant hassu agravat minn din is-Sentanza u minnha nterpona appell, l-agravju tieghu huwa illi ma kellux ix-xjenza u ma kienx jaf b'dawn il-medicini li kienu propjeta tal-Gvern li kienu qeghdin jinbieghu mill-ispizerija tieghu. Cahad mall-ewwel illi qatt ghamel xi haga llegali u l-ewwel darba illi sar jaf bihom kienet meta Dr. Charmaine Gauci giet tidentifika dawk il-medicini. La ma kienx hemm ix-xjenza quindi ma setax jinstab hati ta' dawn l-akkuzi.

Ikkunsidrat.
Din il-Qorti jidhrilha illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova minghar dubju dettat mir-raguni mhux biss illi l-oggetti kienu fil-pussess ta' l-appellant, izda dana kien jaf illi dawn kienu propjeta tal-Gvern u li ma setghux jinbieghu mill-ispizerija tieghu. Ghalhekk gie ppruvat li l-pussess volut ta' l-oggetti kien f'idejn l-appellat. Ma kellux il-permess minn ghand id-Dipartiment tas-Sahha sabiex ibiegh dawk il-medicini u naqas milli jipprovdi spjegazzjoni valida ta' kif gie fil-pussess ta' dawk il-medicini. Veru illi l-appellant ipproduca invoice (fol 44), pero' rrizulta wkoll li dawk il-medicini johorgu biss mill-Medical Stores u jekk irrizulta xi invoice zgur illi ma setghux kienu ta' dawk il-medicini li

hargu minn dawk l-imhazen. Peress illi l-appellant ammetta illi kien hu biss jew l-impjegati tieghu illi jaghmlu l-ordnijiet, allura kien fid-dover u l-obligu illi jispjega kif dawk il-medicini gew fl-ispizerija tieghu. Din l-ispjegazzjoni ma tahiex u ghalhekk l-appellant jinstab fi ksur ta’ l-Artiklu 290 u 291 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Bhall li kieku dan ma huwex bizzejjed din il-Qorti jidhrilha illi x-xjenza tista wkoll tigi determinata mill-fatt kif l-appellant b’mod sottili qata’ jew ghatta l-parti tal-kaxxa illi kienet tindika illi l-prodott kienu gejjin mill-imhazen tal-medicini tal-Gvern ta’ Malta, dana zgur ma setax jigri accidentalment u kienet xi haga deliberata sabiex titghatta din l-identifikazzjoni. Peress illi l-appellant assuma r-responsabilta tal-“pricing” tal-medicini kollha illi kien hemm fl-ispizerija quindi allura jsegwi illi kien hu illi ghamel il-prezz b’tali mod illi ghatta l-providenza llecita ta’ dawk il-medicini.

Ghal dak li jirrigwardja l-piena l-principju regolatur huwa li mhux normali illi din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-Ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika illi dina setghet tkun mod iehor. Il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti tidhol fil-parametri tal-Ligi u ghalhekk mhux il-kaz illi dina tigi disturbata, mill-bqija wara li l-Qorti ezaminat il-provi prodotti u qieset l-argumenti ta’ l-Ewwel Qorti ssib illi abbazi ta’ dawn il-provi setghet legalment u ragunevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din id-diskrezzjni tigi disturbata.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------